MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 662/2010

Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Michael Cutajar, u l-istess Michael Cutajar.

Vs

Silvio Attard.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ppremettew 1. illi nhar it-12 ta' April 2008 sehh incident gewwa Triq in-Nadur, Marsascala, meta l-konvenut, b'atti doluzi, jew b'negligenza, traskuragni u/jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, kkawza hsarat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBL 956 proprjeta' ta' l-attur Michael

Cutajar, u assigurat mas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited; 2. illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat illi jhallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, mitejn u disa u hamsin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€2259.31), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin Ewro (55.00) l-*excess payment* illi l-attur Michael Cutajar hallas in konnessjoni ma dan il-kaz, u in kwantu ghas-somma ta' elfejn mitejn u erba' ewro u wiehed u tletin centezmu (€2204.31), id-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*.  Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' April 2010, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tas-6 ta' April 2010 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa 1. preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar stante li ai termini tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, kollizjonijiet ghandhom imorru ghal Arbitragg Mandatarju; 2. minghajr pregudizzju, l-intimat ma hux responsabbli ghall-incident imsemmi u ghalhekk ma ghandu jhallas ebda somma lill-atturi; 3. in oltre u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub huwa eccessiv u jrid jigi ppruvat. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2011 fejn il-kawza giet differita ghal sentenza in parte dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija dik li tirrigwarda n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi din il-kawza.

Illi wara li ha konjizzjoni tar-rapport tal-incident, jirrizulta car li hawnhekk non si tratta ta’ wiehed mill-kazijiet elenkati fl-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta (u cioe l-Att dwar l-Arbitragg), u ghalhekk mhuwiex kaz li jrid jigi soggett ghal-Arbitragg Mandatarju.

Ghalhekk dan it-Tribunal huwa kompetenti sabiex jisma u jiddeciedi l-kaz in ezami.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.  L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------